

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/900**tat-22 ta' Mejju 2017****dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE ippresedut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2009/881/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, il-Kunsill Ewropew irċieva notifika mir-Renju Unit tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea, biex b'hekk jitnieda l-proċess skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).
- (2) Fid-29 ta' April 2017, il-Kunsill Ewropew adotta linji gwida kif previst fl-Artikolu 50(2) TUE. B'mod partikolari, huwa approva l-arranġamenti proċedurali stipulati fl-Anness għad-Dikjarazzjoni tas-27 Kap ta' Stat jew ta' Gvern kif ukoll il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2016. Skont il-punt 4 ta' dak l-Anness, bejn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat tar-rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper), megħjuna minn Grupp ta' Ħidma apposta bi president permanenti, ser jiżguraw li n-negozjati jitwettqu skont il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew u d-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill, u tiġi provduta gwida lin-negozjatur tal-Unjoni.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE ("Grupp ta' Ħidma *ad hoc*") bi president permanenti.
- (4) Jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jassisti lill-Coreper u lill-Kunsill fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jassisti lill-Coreper u lill-Kunsill matul in-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE, f'konformità mal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew u d-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill. Minbarra dan, il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jista' jipprovdi assistenza dwar kwistjonijiet marbuta mal-proċess skont l-Artikolu 50 TUE li mhumiex ser jiġu nnegozjati mar-Renju Unit.
- (5) Billi l-proċess skont l-Artikolu 50 TUE huwa wieħed temporanju, jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* jieqaf jeżisti wara li jkun wettaq il-mandat tiegħu
- (6) Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun hierieg ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill f'deċiżjonijiet li jkunu jikkonċernawh,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE huwa b'dan stabbilit.

Dan għandu jiġi ppresedut mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

⁽¹⁾ ĠUL 315, 2.12.2009, p. 50.

Artikolu 2

Il-Grupp ta' Ħidma *ad hoc* dwar l-Artikolu 50 TUE għandu jassisti lill-Coreper u lill-Kunsill fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

Dan għandu jieqaf jeżisti wara li jkun twettaq il-mandat tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

L. GRECH
